Tant ihobbu lil raħlu u raħli, u tant huma għal qalbu wlied is-Siġġiewi, li dan il-ktieb iddedikah lil ħutu Siġġiwin li fosthom twieled u kiber u tgħallem il-Malti.

META TOHLOM IL-QALB huwa l-isbaħ u l-eghżeż tifkira li l-Poeta tal-Hlewwa u tat-Tjieba sata' jħallilna f'ħajtu għat-tiġdid tal-kobor poeta tiku tiegħu wara mewtu. Saċerdot u patrijott, poeta kbir u oratur ta' ħila, lingwist u reliġjuż mill-aħjar, Patri Delia, li ħabb u għanna bl-oħla versi r-Reliġjon ta' Kristu, il-ġmiel ta' Malta u l-qlubija ta' niesha, it-tiġrib li għaddejna minnu fl-aħħar gwerra, u dak li hemm sabiħ u nobbli fil-ħolqien u fil-ħajja, *non omnis morietur*.

K. VASSALLO

**IN MEMORIAM**

## REV. PATRI RIKARD BORN, O.P.

**Wieħed mill-aktar abbonati antiki tar-rivista tagħna, ir-Rev. Patri Rikard Born, O.P., ħalliena biex imur għall-premju li jistħoqqlu fis-Saltna tas-Sema.**

**Patri Born ma kienx abbonat ta' l-isem, imma kien iħobbha tassew minn qalbu lir-rivista tal-Għaqda; kien jaqraha mill-bidu sat-tmiem, jitkellem fuqha u jfaħħarha għal dak kollu li jkun hemm fiha sabiħ u tajjeb.**

**Nagħtu l-għomor lill-Komunità Dumnikana, fosthom lil neputih, ir-Rev. Patri Wistin Born, O.P., membru tal-Kunsill tal-Għaqda, kif ukoll lill-qraba u l-ħbieb.**

**Mulej, agħtih il-mistrieħ ta' dejjem.**

**v.a.**

## TISWIJA DWAR IL-LISTA TA' MEMBRI

**Fil-Lista tal-Membri tal-Għaqda li dehret fi-aħħar ħarġa ta' IL-MALTI, jisgħobbina li qabżulna l-isem ta' PATRI ALFRED M. PREVI, O.P. u l-isem tas-SUR ALBERT MALLIA ZARB, B.A. (Hons.), li daħlu membri, wieħed fit-12.3.60 u l-ieħor fi-4.12.60. Isimhom għandu jidher fil-Lista darb'oħra u f'dik li se jkun hemm fi gwernić mal-ħajt tad-Dar tal-Għaqda.**

## ERRATA-CORRIGE

**TISWIJA**—Il-ħdax-il vers ta' l-ewwel stanza u l-ħdax-il vers tat-tieni stanza fil-poeżija ta' K. Vassallo, "Lil Dun Mikiel Xerri", li dehret f'IL-MALTI ta' Settembru, 1962, pp. 67-71, iridu jinqraw kif ġej:

'li għall-qawwa li *wrejt* quddiem l-egħdewwa...' u
'*mija u sittin* sena ilu u tlieta magħhom.'

## WERREJ GHAS-SENA 1962


**A.Z.**
Freddie Buhagiar ... ... ... ... ... ... faċċ. 26

Ġorg Pisani — Poeta ... ... ... ... ... ... ,, 51

Karmenu Vassallo, Poeta u Filosofu ... ... ... ,, 104

**Abela Ċużi**
*Kristina* ... ... ... ... ... ... ... ,, 109

**Agius Muscat, Anton**
Lejla Dawl ta' Qamar ... ... ... ... ... ... ,, 42

**Aquilina, Fra Ġorġ, O.F.M.**
Patri Liborju Caruana, O.F.M. ... ... ... ... ,, 9

**Aquilina, Pawlu**
*Bla Benna, Bla Ġmiel* ... ... ... ... ... ... ,, 103

**Azzopardi, Louis**
*Grajjiet Trojja* ... ... ... ... ... ... ... ,, 92

**Barbara, Patri Valentin V., O.P.**
*Qrib il-Port* ... ... ... ... ... ... ... ,, 21

**Bezzina, John**
Folklore tar-Randan f'Għawdex ... ... ... ... ,, 15

**Pantalleresco, C., P.L.**
Il-Għid it-Tajjeb ... ... ... ... ... ... ... ,, 60

**Busuttil, Joe**
*Serħien* ... ... ... ... ... ... ... ... ,, 41

**Camilleri, Dun Frans**
*Lil Dun Mikiel Xerri* ... ... ... ... ... ... ,, 35

**Cardona, Ċużè**
*Għaliex Mulejja?* ... ... ... ... ... ... ,, 49

**Coleiro, Charles**
*Milied Malti* ... ... ... ... ... ... ... ,, 102

**Cremona, A., D.Litt.**
Il-Mewt tal-Prof. Patri A. Cuschieri, Ph.A., D.D., O.C. ,, 79